MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2009

Numru 489/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Anne Marie Micallef**
v

**SANDRO LO PRESTI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **SANDRO LO PRESTI** t'erbgha w tletin sena, Giuseppe u Lina nee Campoli, imwieled Ragusa, Sqallija, nhar l-ghoxrin ta' Gunju 1974 u residenti San Gorg Hotel, kamra numru 103, Triq Ball, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita` numru 20453A gie mressaq quddiemha akkuzat:-

1. Talli b'diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, nhar s-sbatax ta' Mejju 2009, ghal habta tal-

ghaxra ta' filghodu, gewwa s-sit MIDI, Xatt ta' Tigne, Sliema, ikkommetta serq minn go garaxx numru 11, ghad-dannu ta' SIS Limited u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin euro u sebgha w tletin euro centezmi;

2. Talli fil-hdax ta' Mejju 2009 bejn s-saghtejn ta' wara nofsinhar w il-hamsa ta' wara nofsinhar, minn gewwa s-sit MIDI, Xatt ta' Tigne, Sliema, ikkommetta serq minn go garaxx numru 11, ghad-dannu ta' SIS Limited u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro w erbgha u disghin euro centezmu izda inqas minn elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin euro u sebgha w tletin euro centezmi;

3. Talli fis-sbatax ta' Mejju 2009, u fix-xhur ta' qabel din d-data, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, li l-valur taghhom jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin euro u sebgha w tletin euro centezmi, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta kif wkoll barra minn Malt jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

4. Talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dottor Anthony J. Vella datata sebgha ta' Novembru 2008.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-fedina penali tal-imputat bhala Dok. CSH, zewg stqarrija rilaxxjati mill-imputat bhala Dok. CSH 1 u CSH 2, sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-konfront tal-imputat odjern datata sebgha ta' Novembru 2008 bhala Dok. CSH 3, zewg rapporti tal-pulizija bhala Dok. CSH 4 u CSH 5, zewg ricevuti bhala Dok. CSH 6 u CSH 7, u karta tal-identita taljana tal-imputat bhala Dok. CSH 8 animo ritirandi.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-

Ligijiet ta’ Malta nhar l-ghoxrin ta’ Mejju 2009 w ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried, setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta ta’ llum u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-koperazzjoni tal-imputat sa mill-bidu nett meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu;
3. Il-fedina penali mhux daqstant pesanti tal-imputat esibita bhala Dok. CSH minn fejn jirrizulta li hemm registrati fuqha zewg reati dwar pussess tad-droga Eroina fejn nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Lulju 2001 inghata *conditional discharge* ai termini tal- artikolu 9 tal-Kap 152, illum l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal tnax il-xahar u fuq l-akkuza l-ohra, wkoll fuq pussess ta’ droga Eroina, deciza nhar s-sebgha ta’ Novembru 2008, huwa gie moghti sentenza ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal erbgha snin.

**Illi ghalhekk l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli Artikoli 49, 50, 261(b)(c), 278 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lill-imputat SANDRO LO PRESTI hati tal-akkuzi kollha kif minnu ammessi u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erbgha (4) snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Il-Qorti tordna, li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------